**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 38 – IT-TNEJN, 2 TA' FRAR 2015 FIS-6.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier (6.40pm) |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 37**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Dupuis ippropona li jigu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.1 Rigward paragrafu 4.3, is-Sinjura Joan Farrugia irrimarkat fuq il-punt li s-Sindku kien misinfurmat fuq il-ħidma tal-Librarian peress li kienet hi li nfurmat lill-Kunsill.

2.2 Is-Sindku kompla billi nforma lill-Kunsill li hu kien ta ordni lis-Segretarju Eżekuttiv Rigward paragrafu 5.2, is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li attendiet għal-laqgħa ma' rappreżentat tad-Dipartiment tas-Saħħa. Hi pprotestat rigward l-attitudni u l-proċedura addottata biex dawn il-vouchers tas-Celiac jitqassmu mill-Kunsilli. biex ma jaċċettax dawn il-vouchers imma wara li tkellem ma nies ikkoncernati rega' lura din id-deċiżjoni biex ma jbatux ir-residenti ta' San Ġwann li ghandhom din il-kundizzjoni. Hu bagħat ittra ta' protesta lill-Ministeru u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**3 Pagamenti Numru 33**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-6.40pm.

**4 Korrispondenza**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta r-renewal tal-applikazzjoni European Cities Against Drugs. Ġie deċiż li din ma tiġix imgedda.

4.2 Ġiet innutata talba min Rajk f'Idejk biex isiru korsijiet tal-Home Economics fil-Kunsill. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettata minħabba nuqqas ta' spazju.

4.3 Ġiet innutata kwotazzjoni biex jinxtara kompjuter ġdid għall-Customer Care. Ġie deċiż li jinxtara.

4.4 Kien hemm qbil li l-Kunsill jġedded il-polza tas-saħħa għall-Kunsilliera u l-iStaff.

4.5 Ġie deċiż li ssir No Objection għal Fun Run organizzata minn Mater Dei.

4.6 Ġie deciz li ssir No Objection għal Car Wash fl-10 ta' Mejju 2015 organizzata minn Living Ability not Disability.

4.7 Ġiet diskussa l-ittra bir-risposta mingħand il-Kuntrattur Twish. Hu nfurmana li għandu problema bis-sub contractor tiegħu. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lilu fejn jiġi nfurmat li jekk ma jinqatax il-ħaxix ħażin sa ġimgħa wara jitqabbad persuna oħra u l-kont jitnaqqas mill-pagament tiegħu.

4.8 Ġiet diskussa wkoll il-latrina pubblika u ġie lmentat li kien hemm drabi li ma kienx hemm attendent minkejja li t-tender tagħha jirrikjedi hekk. Ġie deċiż li tinbagħat ittra lill-kuntrattur fejn jiġi obbligat li jinforma lill-Kunsill min ikun attendent għal kull ġurnata xogħol.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Ġiet diskussa t-talba biex jiġi nstallat bin fi Triq tal-Ibraġ minħabba li qed ikun hemm numru ta' nies hemmhekk. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugha u ssir kundizzjoni fil-permess li dawk il-gabbani li jarmaw hemm iridu jnaddfu madwarhom wara li jlestu.

5.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-proġetti kapitali. Il-proġett huwa kif ġiet approvata Triq il-Mensija.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew ippubblikati numru ta' tenders u kwotazzjonijiet. Dawn jinkludu Manutenzjoni tal-Bankini, Servizzi ta' Accountant, Knis u Tindif, Servizzi ta' Electrician u ġbir ta' skart domestiku.

**6 Affarjiet Ohra**

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ippreżenta numru ta' stimi għal diversi xogħlijiet. Dawn jinkludu: Fanal ġdid fi Ġnien Santa Margerita għal 247.80 Ewro, re-kostruzzjoni ta' ħajt perikoluż f'Misraħ il-Ward għal 750 Ewro u tneħħija ta' materjal u ġebel minn Triq Ġużè Azzopardi għal 720 Ewro. Kien hemm qbil fuq dawn.

6.1.1 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li s-siġar ta' Triq il-Kampanella ġew miżbura. Hu talab biex issir bozza ġdida fi Triq Carmen Mallia. Kien hemm qbil fuq din. Kien hemm diskussjoni fuq Triq il-Fikus. Kien hemm qbil li din

tingħata wiċċ ġdid bil-fondi tar-Reġjun. Is-Sur Cassar ġab għall-attenzjoni li hemm xi siġar fil-masġar li huma morda. Inxtara materjal biex tiġi kkurata din il-marda. Kien hemm qbil ukoll li jsiru rumble strips fi Triq P P Bezzina fejn hemm ic-child care centres.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-8.05pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar 2015 fil-11.00am.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |